

Rapport dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-analiżi tal-każijiet tal-Eurojust dwar żwiġijiet ta' konvenjenza

Data:

12/11/2020

Xi kultant in-nies jiksbu aċċess illegali għall-Unjoni Ewropea (UE) permezz ta' żwieġ ta' konvenjenza. Dejjem aktar, tali żwiġijiet ta' konvenjenza huma parti minn skemi sofistikati ta' frodi organizzati mill-Gruppi tal-Kriminalità Organizzata (GKO). Il-GKO jinvolve ruħhom fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin fuq skala internazzjonali. Dawn jagħmlu profitti kbar billi jattiraw (prinċipalment) lin-nisa f'pożizzjonijiet vulnerabbli f'dak li jidher li huwa "flus faċli" iżda minflok iħossuhom f'xibka ta' sfruttament u abbuż.

Iż-żwiġijiet ta' konvenjenza huma wkoll abbuż dirett tad-dritt fundamentali għal-libertà tal-moviment fi ħdan l-UE u joħolqu, pereżempju, aċċess mhux ġustifikat għas-suq tax-xogħol Ewropew u għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri. Mill-2012 'l hawn, l-Unjoni Ewropea għalhekk enfasizzat bis-sħiħ l-importanza ta' kooperazzjoni effettiva biex jiġu indirizzati iż-żwiġijiet ta' konvenjenza.

Dan ir-rapport ta' analiżi tal-każ, miktub mill-Eurojust, l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali, huwa bbażat fuq l-esperjenzi prattiċi ta' investigazzjonijiet appoġġati mill-Aġenzija bejn l-2012 u l-2020 ta' żwiġijiet ta' konvenjenza.

Ir-rapport huwa maħsub biex iqajjem kuxjenza fost il-prattikanti ġudizzjarji dwar din l-attività kriminali ta' riskju baxx/ta' valur għoli. Iż-żwiġijiet ta' konvenjenza spiss jidhru bħala atti iżolati, konnessi biss ma' reati relattivament minuri, bħal frodi ta' dokumenti jew ksur amministrattiv assoċjat ma' pieni baxxi. Madankollu, ħarsa aktar mill-qrib ta' spiss turi skema sofistikata ta' kuntrabandu mfassla minn GKO internazzjonali fejn jiġu sfruttati persuni f'pożizzjoni vulnerabbli. Ir-rapport jidentifika l-karatteristiċi ewlenin tal-każijiet ta' żwieġ ta' konvenjenza (Taqsim 3), jenfasizza l-isfidi legali (Taqsim 4) u l-ostakli speċifiċi (Taqsim 5), janalizza kif l-għodod u l-istrumenti ġudizzjarji jiġu applikati (Taqsim 6) u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-aħjar prattika u t-tagħlimiet ewlenin meħuda (Taqsim 7).

L-analiżi tindika li l-GKO jisfruttaw id-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam. F'aktar minn nofs l-Istati Membri tal-UE, iż-żwiġijiet ta' konvenjenza jew mhumiex kriminalizzati jew jiġu sanzjonati b'peni ħfief. Il-GKO jisfruttaw tali differenzi legali billi joperaw fi ħdan il-ġurisdizzjonijiet li jipprovdu l-anqas trattament punittiv għaż-żwiġijiet ta' konvenjenza ("għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni").

Id-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jagħmluha wkoll aktar diffiċli biex jintużaw l-għodod ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE peress li ħafna minnhom huma bbażati fuq il-prinċipju tal-kriminalità doppja. Madankollu, tipi oħra ta' akkużi jistgħu jiġu mressqa, bħall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, it-traffikar tal-bnedmin u l-frodi tad-dokumenti. L-Annessi tar-rapport fihom għodod dettaljati biex jgħinu lill-prattikanti ġudizzjarji jqabblu aktar faċilment id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali dwar il-kriminalizzazzjoni taż-żwiġijiet ta' konvenjenza, il-kundizzjonijiet biex wieħed jiżżewweġ u jiddivorzja barrani u r-rikonoxximent ta' sentenzi barranin tal-liġi ċivili.

Abbażi ta' dan l-għarfien prattiku, ir-rapport jippreżenta erba' rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tissaħħaħ il-ġlieda kontra ż-żwiġijiet ta' konvenjenza mill-GKO internazzjonali:

- **In-nuqqas ta' leġiżlazzjoni nazzjonali armonizzata** li tirregola ż-żwiġijiet ta' konvenjenza jista' jimpedixxi l-assistenza legali reċiproka minħabba r-rekwiżiti tal-kriminalità doppja.
- **L-iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK)** huma effettivi biex jinvestigaw każijiet ta' żwieġ ta' konvenjenza. Is-SIK jippermettu skambju bla xkiel ta' informazzjoni u kondiviżjoni ta' evidenza fost l-awtoritajiet involuti. Ta' spiss jiġu skoperti forom serji konnessi ta' kriminalità, li mhumiex evidenti meta wieħed iħares lejn il-każ biss mill-perspettiva nazzjonali.
- **L-Eurojust** jista' jkollha rwol ċentrali fl-**identifikazzjoni tar-rabtiet bejn l-attivitajiet kriminali differenti** mwettqa mill-GKO f'diversi ġurisdizzjonijiet, fl-UE jew barra minnha, **tiffaċilita** l-investigazzjonijiet, **tippromwovi l-koordinazzjoni** tal-awtoritajiet involuti biex jiġi evitat ir-riskju ta' *ne bis in idem* u biex titfassal **strateġija ta' prosekuzzjoni konġunta**. Dan jista' jimplika trasferiment (parzjali) ta' proċedimenti għall-aħjar protezzjoni tal-vittmi, speċjalment fil-każ ta' żwiġijiet ta' konvenjenza ta' sfruttament.
- **Approċċ komprensiv**, li jinvolvi l-amministrazzjonijiet rilevanti kollha bħar-reġistri ċivili, il-konsulati, eċċ., irawwem komunikazzjoni effettiva bejn id-diversi korpi amministrattivi nazzjonali.